MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 214/2002/1

**Marika Pace**

**Vs**

**Carmelo Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' elfejn u sitt mitt Lira Maltin (Lm2,600) rapprezentanti self brevi manu u dan biex il-konvenut xtara proprjeta f'ismu.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-konsenja tal-imsemmija somma. Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-attrici kienet silfitu s-somma ta' Lm2600 brevi manu biex xtara proprjeta' f'ismu, kif hi qed tallega.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inklus dak verbalizzat a fol 14 u 15 tal-atti kif ukoll in-nota tal-attrici li biha rriduciet it-talba taghha ghal Lm2,250 stante pagament akkont ta' Lm350 fil-mori ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat

Illi meta xehdet l-attrici (fol 12 u 13 tal-istess atti) din spjegat li kienet gharusa mal-konvenut u li kienet tat, b'titolu ta' self, lill-istess konvenut is-somma ta' Lm2600 sabiex hu jakkwista post f'Birkirkara f'ismu proprju biss. Eventwament, pero' din l-gherusija kienet spiccat u l-konvenut kien dejjem, jghid lill-attrici li ser jirrifondi lilha l-ammont misluf minnha. In rigward dan l-ammont, jidher li, filfatt, thallas "in parte' billi l-konvenut kien irrifonda lill-attrici, is-somma ta' Lm350, kif risultanti mill-imsemmija nota ta' riduzzjoni. Ghalhekk, tenut kont, ukoll, li l-konvenut ma gab ebda prova sabiex jikkontrobatti t-talba attrici, din ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm2250.00,0 bl-imghax legali mit-3 ta' April 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------